# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 1 ta' Diċembru, 2021.**

**Numru 13**

**Rikors numru 114/18/1 FDP**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Tarcisju Mifsud**

1. B'din is-sentenza l-Qorti ser tiddeċiedi l-appell tal-Avukat Ġenerali mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Lulju, 2021 wara referenza kostituzzjonali li saret mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-16 ta' Novembru 2018 dwar allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tal-imputat minħabba dewmien fil-proċeduri kriminali kontrih, kif ukoll minħabba allegat abbuż fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali li jiddeċiedi meta jiddikjara l-każ tiegħu maqgħluq quddiem il-Qorti Istruttorja.

2. Il-proċeduri li wasslu għall-appell żvolġew kif ser jingħad:

2.1. Fl-udjenza tat-12 ta’ Novembru 2018, waqt is-smigħ tal-proċeduri kriminali numru 191/2013 fl-ismijiet ‘***Il-Pulizija v. Tarcisju Mifsud***’, ġie vverbalizzat is-segwenti:

> *“Dr Edward Gatt, għall-imputat jitlob referenza Kostituzzjonali u dan għaliex bl-aġir tal-Prosekuzzjoni f’din il-kawża il-proċess mhux qed jiġi mismugħ fi żmien xieraq u fi żmien raġonevoli u kif ukoll minħabba l-fatt li d-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali li jiddeċiedi hu meta jiddikjara l-każ tiegħu magħluq quddiem Qorti Struttorja hi waħda illi qed titmexxa, f’dan il-każi b'mod abużiv u żgur b'mod illi l-akkużat mhux qed jingħata smigħ xieraq taħt il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Illi l-proċess qed jitwal inutilment għaliex, minkejja li x-xhud Alfred Mallia ġia ddikjara għal aktar minn darba li hu ma jridx jixhed f’dan il-proċess, biex ma jinkriminax ruħu, il-Prosekutur, rinfaċċat b'tali dikjarazzjoni, qed jibqa' inutilment jinsisti għall-produzzjoni ta’ dan ix-xhud.*
>
> *Il-prosekuzzjoni tirrimetti ruħha.”*

2.2. Fis-16 ta’ Novembru 2018 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja tat digriet li jaqra:

> *“Rat il-verbal tad-Difiza datat tnax (12) ta’ Novembru, elfejn u tmintax (2018) fjen talab referenza kostituzzjonali;*
>
> *Rat illi l-Prosekuzzjoni rrimettiet ruħha;*
>
> *Rat l-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u wara li rat l-atti kollha hi sodisfatta li t-talba ma hijiex frivola u/jew vessatorja u għaldaqstant qed tissoprasjedi u tibgħat l-atti lill-Prim’ Awla (Sede Kostituzzjonali) sabiex tiġi deċiża din il-kwistjoni.”*

2.3. Fil-21 ta’ Novembru 2018 il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) appuntat ir-referenza għall-udjenza ta’ nhar is-7 ta’ Frar 2019;

2.4. Permezz ta’ risposta ppreżentata fis-7 ta’ Diċembru 2018, l-Avukat Ġenerali wieġeb:

*“Illi mid-digriet tas-16 ta' Novembru 2018 tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali fil-kawża bin-numru 191/2013 fl-ismijiet "Il-Pulizija (Supretendent Paul Vassallo u Spettur Angelo Gafa) vs Tarcisju Mifsud" ma jirriżultax x'inhi tirreferi l-imsemmija Qorti u donnu l-Qorti għamlet tagħha, minkejja li l-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09 tipprovdi mod ieħor, it-talba ta' Tarcisju Mifsud, fejn fisser il-kwistjoni Kostituzzjonali fis-sens li allegatament bl-aġir tal-prosekuzzjoni f’din il-kawża, il-proċess mhux qiegħed jiġi mismugħ fi żmien xieraq u fi żmien raġjonevoli u kif ukoll minħabba l-fatt li d-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali li jiddeċiedi hu meta jiddikjara l-każ tiegħu magħluq quddiem Qorti Struttorja hi waħda li titmexxa, f’dan il-każ b'mod abbużiv u żgur b'mod illi l-akkużat mhux qiegħed jingħata smigħ xieraq taħt il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Hu jgħid ukoll illi l-proċess qed jitwal inutilment għaliex minkejja li x-xhud Alfred Mallia ġia ddikjara għal aktar minn darba illi huwa ma jridx jixhed f'dan il-proċess, biex ma jinkriminax ruħu, il-Prosekutur rinfaċċat b'tali dikjarazzjoni qed jibqa' inutilment jinsisti għall-produzzjoni ta' dan ix-xhud. Fiċ-ċirkostanzi, in vista tal-mod li saret ir-referenza u ċioe' mhux skond dak provdut fir-regolament 5 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09, l-esponent qiegħed jirriżerva illi jirrispondi ulterjorment jekk din il-Qorti tiddeċiedi li tibgħat l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati biex tikkjarifika eżattament x'qiegħda tirreferi fit-termini ta' dak indikat fir-regolament imsemmi;*

*1. Illi in linea preliminari, ma jirriżultax mir-referenza illi qed jiġi nvokat xi artikolu partikolari tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u għaldaqstant ċertament illi din l-Onorabbli Qorti ma tista' ssib ksur tal-ebda artikolu tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jissottometti li fil-każ odjern ma jeżisti ebda ksur ta' drittijiet fundamentali tal-Bniedem kif sanċiti bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;*

*3. Illi jibda biex jiġi kjarifikat mill-esponenti li minkejja li fi proċeduri ta' struttorja huwa l-Avukat Ġenerali li jiddikjara li l-provi huma magħluqin madanakollu fil-każ odjern diġa' ħarġu l-artikoli bil-konsegwenza li l-Qorti tal-Maġistrati qed tisma' l-proċedura bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u li għalhekk l-Avukat Ġenerali mhuwiex involut quddiem dik il-Qorti iżda l-proskeuzzjoni trid titmexxa esklussivament mill-Pulizija u sta għaliha mingħajr ebda involviment tal-Avukat Ġenerali li tagħlaq il-provi tal-prosekuzzjoni. Semmai l-Avukat Ġenerali jidħol biss fi stadju t'appell wara li jiġu konklużi u deċiżi l-akkużi in konfront tal-parti li provokat ir-riferenza mill-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;*

*4. Illi fir-rigward ta' jekk il-proċess fil-konfront tal-persuna li nvokat ir-referenza hux qed jiġi mismugħ fi żmien xieraq u raġjonevoli, l-esponent jissottometti illi din l-azzjoni hija intempestiva u dan peress illi l-proċeduri kriminali għadhom pendenti. Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha tas-26 April 2013 fir-referenza kostituzzjonali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Dr Melvyn Mifsud fejn osservat illi "Ikunx hemm vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq, għalhekk, jiddependi minn kif il-Qorti riferenti tittratta u tiddisponi mid-diversi kwistjonijiet u tappi proċesswali appena elenkati, fost oħrajn, li jistgħu jitqiegħdu quddiemha fil-kors tal-proċess u għalhekk ċertament il-fatt waħdu previst mill-appellant sabiex fuqu jsostni t-talba tiegħu għal riferenza lil din il-Qorti ma hux waħdu determinanti tal-kwistjoni minnu sollevata li għalhekk hi għal kollox intempestiva u prematura u daqstant intempestiva u prematura hi r-referenza tal-Qorti referenti".*

*5. L-esponent jeċepixxi wkoll illi sa issa għadu mhux magħruf kif u taħt liema ċirkostanzi l-parti li provokat ir-referenza sejra tiġi żvantaġġjata waqt is-smigħ tal-proċeduri kriminali. Illi f'dan l-istadju tal-proċeduri mhuwiex indikattiv li proċeduri kriminali jiġu diskussi u trattati in vacuo;*

*6. Illi in kwantu r-referenza kostituzzjonali qiegħda ssir b'referenza għall-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, l-esponent jissottometti illi l-iskop tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem huma ntiżi li jassiguraw li matul il-proċess ġudizzjarju il-persuna in kwistjoni tkun ingħatat smigħ ġust fejn kellha l-garanziji kollha naxxenti mid-dritt sanċit fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u ċioe' opportunita' xierqa illi tipparteċipa b'mod effettiv fil-proċeduri, tkun assistita, tressaq xhieda u tagħmel sottomissjonijiet. L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni huma artikoli li jitrattaw il-proċedura li tkun ġiet użata sabiex il-Qorti tasal għad-deċiżjoni tagħha fl-intier tagħha u dan sabiex jiġi stabbilit jekk kienx hemm leżjoni tal-msemmija drittijiet fundamentali o meno. L-esponent jirrileva illi fil-każ odjern ma sar xejn matul il-proċess kriminali li b'xi mod seta' jinċidi fuq id-dritt tal-parti li provokat ir-riferenza ta' proċess ġust.*

*7. L-esponent jeċepixxi wkoll illi sabiex ikun jista' jiġi stabbilit jekk hemmx leżjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bneidem wieħed irid jeżamina l-proċeduri fit-totalita' tagħhom u huwa erronju li wieħed jieħu episodju partikolari u jisħaq fuqu mingħajr ma jara t-totalita' tal-proċeduri.*

*8. Illi l-esponent jeċepixxi wkoll illi għalkemm kawża tkun damet numru ta' snin biex biex tiġi deċiża ma jfissirx b'daqshekk li b'mod awtomatiku għandu jinstab li kien hemm dewmien inġustifikat jew dewmien attribwibbli lill-Istat. Hija ġurisprudenza kostanti u stabbilita li l-irraġonevolezza taż-żmien m'għandux jiġi determinat fl-astratt jew minn numru ta' snin li tkun damet għaddejja l-kawża, imma għandu jitqies fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li jkun. Illi huwa aċċettat ukoll li ma hemm ebda time limit li l-Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proċedura quddiemha għaliex inkella l-interessi tal-ġustizzja jiġu ppreġudikati minħabba għaġġla żejda u inkonsulta. Illi propju fil-każ tal-llum id-dewmien ma jistax jitqies li huwa wieħed kappriċċjuż jew irraġjonevoli iżda huwa dovut minħabba n-natura u l-komplessita' tal-proċeduri in kwistjoni u l-fatt li kien hemm numru ta' persuni li kellhom jitilgħu jixhdu f'dan il-każ. Fil-fatt jekk wieħed jifli l-verbali tas-seduti li qed jinżammu, wieħed isib li s-seduti inżammu b'mod regolari fejn ittellgħu diversi xhieda biex jiddeponu. Għalhekk ċertament li mhuwiex il-każ li fil-proċeduri kriminali kien hemm xi telf ta' żmien;*

*9. Illi ċertament sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tikkonsidra b'mod serju t-talba tal-parti li pprovokat ir-referenza, jinkombi fuq l-istess parti li pprovokat ir-referenza illi tipprova illi mhux biss il-każ tiegħu qed idum pendenti iżda li tali dewmien huwa wieħed kappriċċjuż u ntiż biex jiżvantaġġah fit-tgawdija tad-drittijiet tiegħu skont il-Liġi;*

*10. Illi inoltre, l-lanjanza kostituzzjonali odjerna kif imqanqla permezz ta' talba għall-referenza ċertament li mhux qed jgħinu biex il-proċeduri jiġu konklużi. Allura l-parti li pprovokat ir-referenza ma tistax tilmenta fuq dewmien meta d-dewmien qiegħed jiġi kkaġunat mill-istess parti li pprovokat ir-referenza;*

*11. Illi l-parti li provokat ir-referenza ma tistax tasal għall-konklużjoni li huwa mhuwiex ser ikollu smigħ xieraq minħabba li l-esponent qiegħed jinsisti li tinstema' x-xhieda ta' Alfred Mallia. Ladarba l-proċeduri kriminali għadhom pendenti, allura l-parti li pprovokat ir-referenza tgawdi mill-preżunzjoni tal-innoċenza. Il-prosekuzzjoni trid tipprova l-każ tagħha u l-parti li pprovokat ir-referenza għandha l-opportunita' li tiddefendi lilha nfisha;*

*12. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jeċepixxi illi l-insistenza tal-Pulizija għal produzzjoni tax-xhud Alfred Mallia hija ġustifikata u dan peress illi hija xhieda kruċjali u importanti biex jiġi pruvat il-każ tal-prosekuzzjoni. Fuq dan il-punt din il-Qorti diversament preseduta ingħatat l-opportunita' li tinvesti f'dan il-punt fejn iddeċidiet li*

*ma hemm ebda leżjoni tad-dritt għall-smigħ xieraq fejn proċeduri jistennew l-għeluq ta' proċeduri kriminali oħra qabel jiġu deċiżi;*

*13, Illi jsegwi għalhekk u fid-dawl tas-suespost ma jirriżulta ebda ksur tad-drittijiet fundamentali.*

*14. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*15. Bl-ispejjeż."*

2.5. Fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2019 l-avukat tal-appellat spjega li r-referenza saret għaliex il-prosekuzzjoni kienet qed tinsisti li jixhed Alfred Mallia qabel ma tipproċedi bil-każ kontra l-imputat, iżda fil-mori tal-proċedura ta' referenza x-xhud miet. Kompla li f'dak l-istadju ma kien hemm l ebda raġuni sabiex jitkompla s-smigħ tal-każ.

2.6. Madanakollu, fis-seduta tas-6 ta' Frar 2020, il-prosekuzzjoni ddikjarat li ma kinitx ser tagħlaq il-provi għaliex kien fadal jixhdu Tancred Tabone u Frank Sammut li kontrihom hemm ukoll proċeduri kriminali pendenti u ma jistgħux jixhdu qabel ma jingħalqu dawk il-każijiet. Mhux magħruf f'liema stadju waslu dawk il-proċeduri u mhemmx tagħrif li jagħti ndikazzjoni kemm fadlilhom dawk il-proċeduri sabiex jintemmu.

2.7. L-Ispettur Rennie Stivala, għalkemm imħarrek darbtejn sabiex jagħti spjegazzjoni baqa' ma xehedx.

2.8. Fl-udjenza tat-12 ta' Frar 2021 l-ewwel Qorti ddikjarat magħluqa l-provi u tagħti lill-partijiet żmien għan-noti ta' sottomissjonijiet.

2.9. Permezz ta' sentenza mogħtija fit-13 ta' Lulju, 2021 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) wieġbet għar-referenza kostituzzjonali lilha magħmulha kif ġej:

> *"Tiddikjara illi d-dritt ta' smigħ xieraq ta' Tarcisio Mifsud, kif sanċiti fl-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Europea għad-Drittijiet tal-Bniedem, qiegħed jiġu lilu vjolat bl-aġir tal-Prosekuzzjoni u l-Avukat Ġenerali fil-proċeduri kontra l-istess Tarcisio Mifsud kif fuq aħjar deskritt, u għalhekk;*
>
> *Tordna lill-Avukat Ġenerali w il-Pulizija sabiex, sa mhux aktar tard minn erbgħa (4) xhur millum, jagħlqu l-provi tal-prosekuzzjoni fil-kawża fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Tarcisio Mifsud" fuq riferita, irrispettivament minn min ikun fadal jixhed jew le skond l-istess Avukat Ġenerali.*
>
> *Il-Qorti tirrinvija l-atti għall-ġudizzju lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.*
>
> *Spejjeż tal-proċeduri odjerni jkunu kollha a kariku tal-Avukat Ġenerali."*

2.10. Il-konsiderazzjonijiet prinċipali li wasslu lill-ewwel Qorti ssib ksur tad-dritt tal-appellat għal smigħ xieraq, u li konsegwentment wassluha tagħti r-rimedju li tat, kienu s-segwenti:

> *"20. Jirriżulta, mill-atti tal-proċeduri fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Tarcisio Mifsud**", Każ Nru 191/2013, u provi oħra prodotti, illi fis-26 ta' Frar 2013, Tarcisio Mifsud kien tressaq taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, b'akkużi relatati ma' korruzzjoni u abbuż bħala uffiċjal u impjegat pubbliku li allegatament seħħew bejn is-snin 1998 u 2003.*
>
> *21. Jirriżulta illi bejn is-26 ta' Frar 2013 u l-11 ta' Novembru 2015, saru sebgħa u għoxrin (27) seduta fejn fi tnax-il seduta (12) instemgħu*

*sebgħa u għoxrin (27) xhud filwaqt illi fi ħmistax-il seduta (15), ma nstemgħu ebda xhieda.*

*...*

*24. Jirriżulta illi fil-11 ta' Novembru 2015, l-Avukat Ġenerali, a tenur tal-Artikolu 370 (3) (a) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, bagħat l-atti lura sabiex Tarcisio Mifsud jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, ossija inħarġu l-akkużi kontra tiegħu.*

*25. Jirriżulta, madanakollu, illi tali Att ta' Akkuża datata 11 ta' Novembru 2015, kien soġġett għal kundizzjoni imposta mill-Avukat Ġenerali fejn iddikjara dan li ġej:*

> *"Jibgħat lura ma' dan l-Att lil din il-Qorti l-Atti tal-Kompilazzjoni hawn fuq imsemmija sabiex din l-istess Qorti, f'nuqqas ta' oġġezzjoni ta' l-imputat skond dak li hemm maħsub fl-Artikolu 370(3)(b) u (c) tal-Kodiċi Kriminali, tiddeċiedi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet, jew f'każ ta' oġġezzjoni, tipproċedi skond l-Artikolu 370(3)(d) tal-Kodiċi Kriminali,* ***b'dan pero' li qabel ma l-Qorti tistaqsi lill-akkużat jekk għandux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja, il-Qorti għandha, skond kif provvdut fl-Artikolu 370(3)(f) tal-imsemmi Kodiċi:***
>
> ***a) Fi stadju opportun tisma' lil Alfred Mallia u Tancred Tabone dwar il-każ;***
>
> ***b) Tieħu konjizzjoni ta' kull prova oħra li jogħġobha tressaq il-Pulizija f'dan il-każ;****"*

*26. Jirriżulta illi riżultat ta' tali kondizzjoni, il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kienet obbligata tottempera ruħha ma' dak lilha ordnat mill-Avukat Ġenerali.*

*27. Jirriżulta illi bejn it-23 ta' Novembru 2015 u t-12 ta' Novembru 2018 meta saret ir-referenza Kostituzzjonali odjerna, saru erbgħatax-il seduta (14) ...*

*28. Jirriżulta illi f'dawn l-erbgħatax is-seduta, fis-seduta illi saret fil-11 ta' Lulju 2016, ossija wara erbgħa seduti fejn ma ġara assolutament xejn, ġie verbalizzat illi "L-Uffiċjal Prosekutur jiddikjara li kull m'għad fadallu bħala xhieda f'dawn il-proċeduri huma lil Frank Sammut, Tancred Tabone u Alfred Mallia."*

*29. Jirriżulta illi fil-5 ta' Diċembru 2016, xehed Tancred Tabone illi għarraf lill-Qorti li ma xtaqx jixhed in vista ta' proċeduri kriminali pendenti kontrih, filwaqt illi fis-26 ta' Ġunju 2017, xehdu Frank Sammut u Alfred Mallia li għarrfu wkoll lill-Qorti li ma xtaqux jixhdu in vista ta' proċeduri kriminali pendenti kontrihom.*

*30. Jirriżulta illi fis-seduti kollha l-oħra, l-prosekuzzjoni ma tellgħu ebda provi oħra filwaqt illi qatt ma ddikjaraw illi għalqu l-provi tagħhom.*

*...*

*34. Jirriżulta illi, fil-proċeduri odjerni quddiem dina l-Qorti, fil-5 ta' Novembru 2019, il-Qorti ġiet mgħarrfa illi Alfred Mallia, wieħed mit-tlett xhieda li kienu qed jinsistu għalih il-Prosekuzzjoni, kien miet, u għalhekk il-Qorti talbet lill-Avukat Ġenerali jgħarraf lill-Qorti dwar il-posizzjoni tagħhom fil-proċeduri kriminali kontra Tarcisio Mifsud.*

*35. Jirriżulta illi, wara tlett seduti, fis-6 ta' Frar 2020, l-Avukat Ġenerali għarraf lill-Qorti illi l-Prosekuzzjoni ma kinetx f'posizzjoni illi tagħlaq il-provi tagħha fil-proċeduri kriminali kontra Tarcisio Mifsud.*

*...*

*38. Jirriżulta ċar, kemm mill-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif ukoll mill-proċeduri quddiem dina l-Qorti, illi l-Prosekuzzjoni ma tidhirx illi hija f'posizzjoni illi tressaq aktar xhieda għall-każ tagħha, u tali posizzjoni ilha hekk sa mill-11 ta' Novembru 2015 meta nħarġet l-Att ta' Akkuża fil-konfront ta' Tarcisio Mifsud, fejn minn dak inhar 'l hawn, kemm quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif ukoll quddiem dina l-Qorti, kif komposta, l-prosekuzzjoni ma għamlet xejn għajr illi tawwlet il-kawża inutilment, presumibbilment bit-tama illi l-proċeduri kriminali fil-konfront ta' Tancred Tabone, Frank Sammut u Alfred Mallia jintemmu sabiex ikunu jistgħu jixhdu kontra Tarcisio Mifsud.*

*...*

*48. Jirriżulta ben ċar, mill-assjem tal-provi, illi filwaqt li l-kawża kriminali kontra Tarcisio Mifsud hija waħda serja ħafna u tirrigwarda akkużi li jistgħu jkollhom implikazzjoni serji ħafna, kemm fuq Mifsud stess kif ukoll fuq il-perċezzjoni pubblika żviluppata tul iż-żminijiet dwar l-entita' u serjeta' tal-każ hekk imsejjaħ 'Skandlu taż-Żejt', dana ma jfissirx illi persuna għandha tiġi żvestita mid-dritt illi tingħata smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli.*

*49. Hawnhekk, il-Qorti ser tagħmel tagħha r-raġunament magħmul mill-Prim' Awla fil-kawża fuq imsemmija fejn, dwar id-dewmien, għamlet tali konklużjonijiet:*

> *"n-nuqqas ewlieni tal-intimat kien kostitwit mill-fatt li, għalkemm si trattava ta` 'a high profile prosecution', għal raġunijiet bil-wisq ovvji, il-prosekuzzjoni, għalkemm jidher li bdiet tirranka tajjeb, aktar ma bdew jgħaddu x-xhur u s-snin, aktar bdiet taqa` lura f`dak li wieħed jistenna minnha f`każi daqstant sensittivi u delikati.*
>
> *Il-prinċipju għandu jkun li 'the rule of law' tgħodd għal kulħadd l-istess.*

*Daqstant ieħor huwa basilari l-prinċipju li l-proċess ġudizzjarju, speċjalment dak penali, fejn favur l-akkużat treġi l-presunzjoni tal-innoċenza, għandu jitmexxa dejjem skont il-liġi, iżda bil-ħeffa li tkun dettata mill-fattispeċi ta` kull każ.*

*Meta mbagħad ikollok każi, bħal dak li penalment jinvolvi lir-rikorrenti, fejn l-effett fuq il-persuni akkużati jkun, minn żmien għal żmien, taħt il-lenti tal-opinjoni pubblika, u f`soċjeta` demokratika, bħhal ma hija tagħna, l-opinjoni pubblika għandha vuċi qawwija, hemm il-proċess ġudizzjarju għandu jilħaq il-milja tiegħu.*

*Din il-Qorti tisħaq illi fil-każ tal-lum seħħ dewmien inġustifikat mhux raġjonevoli da parti tal-intimat, sal-punt li kien hemm leżjoni tal-jedd tar-rikorrenti għal smigħ xieraq, liema dewmien m`għandux ikun addebitat lir-rikorrenti/akkużati jew lill-Qorti."*

*50. Din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi, fuq medda ta' sebgħa u għoxrin seduta illi saru fuq perjodu ta' ftit anqas minn tlett snin qabel ma ħarġu l-Att tal-Akkuża fil-konfront ta' Mifsud, f'aktar minn nofs tali seduti, ossija ħmistax-il seduta (15), ma sar assolutament xejn.*

*51. Din il-Qorti ma tistax ma tosservax ulterjorment illi, anke wara illi inħarġet l-Att ta' Akkuża, l-Avukat Ġenerali ma ppermettiex lill-Qorti illi tipproċedi bil-kawża bi speditezza, kif huwa opportun f'każijiet ta' tali portata, iżda rabtet idejn il-Qorti tal-Maġistrati, li qabel ma jingħalqu l-provi prosekuzzjoni, kellhom jinstemgħu xhieda ta' persuni akkużati b'reati konnessi intrisikament mal-każ ta' Mifsud, bir-riżultat illi fuq medda ta' tlett snin, saru erbatax-il seduta (14) fejn ma ġara assolutament xejn.*

*52. Għalhekk, jidher ċar illi fil-proċeduri kontra Tarcisio Mifsud, fuq medda ta' sitt snin, saru b'kollox wieħed u erbgħin seduta (41), fejn f'aktar minn żewġ terzi tas-seduti, ossija disgħa u għoxrin seduta (29), MA INĠIEBU EBDA PROVI! – tali dewmien ċertament ma jistax jiġi imputat lill-Qorti illi ċertament għamlet l-għalmu tagħha sabiex tagħmel seduti b'mod regolari, iżda huwa nuqqas imputabbli unikament lill-Prosekuzzjoni kif ukoll lill Avukat Ġenerali illi rabat idejn il-Qorti tal-Maġistrati li kellha ta' bilfors tisma' x-xhieda indikati mill-Pulizija.*

*53. Tali aġir huwa ċar illi qiegħed jilliedi d-dritt ta' smigħ xieraq ta' Tarcisio Mifsud illi, fl-eta avvanzata tiegħu, għandu dritt illi l-proċeduri fil-konfront tiegħu jiġu deċiżi fi żmien raġjonevoli – jiġi rilevat illi ġia miet wieħed mill-erbgħa 'ko-akkużati', ossija Alfred Mallia, f'tali perjodu ta' stennija – x'qed jistennew il-prosekuzzjoni ... illi jmutu x-xhieda l-oħra kollha, inkluż Tarcisio Mifsud?*

*54. Għalhekk, jirriżulta ċar illi d-dritt ta' smigħ xieraq ta' Tarcisio Mifsud qiegħed jiġi leż bl-aġir tal-Prosekuzzjoni u l-Avukat Ġenerali illi ma jiddikjarax magħluq l-istadju tal-provi tiegħu, u għalhekk il-Qorti jenħtieġ illi tagħti rimedju."*

2.11. B'rikors tal-21 ta' Lulju 2021, l-Avukat Ġenerali appellat mis-sentenza tal-ewwel Qorti għaliex: (i) l-ewwel Qorti ma ddeċiditx biss dwar ir-referenza kostituzzjonali iżda tat rimedju speċifiku li ma ntalabx u b'hekk naqset tagħraf id-differenza bejn il-parametri ta' referenza kostituzzjonali u dawk ta' kawża kostituzzjonali; u (ii) ir-rimedju li tat huwa rraġjonevoli u *semmai* l-ewwel Qorti kelha tħalli f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li tiddeċiedi kif l-aħjar li jitkomplew il-proċeduri kriminali pendenti kontra l-imputat. Talbet għalhekk lil din il-Qorti:

> *"sabiex tirriforma s-sentenza appellata tat-13 ta' Lulju 2021 billi tħassarha u tirrevokaha limitatament f'dik il-parti fejn ordnat lill-Avukat Ġenerali u l-Pulizija sabiex mhux aktar tard minn erbgħa xhur mid-data tas-sentenza jagħlqu l-provi tal-prosekuzzjoni, filwaqt li tikkonfermaha fil-bqija bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat Mifsud."*

2.12. Permezz ta' nota tas-17 ta' Awwissu 2021 l-appellat straħ fuq in-nota ta' sottomissjonijiet li ppreżenta fl-ewwel Qorti.

<u>Konsiderazzjonijiet</u>

3. L-Avukat Ġenerali m'appellatx minn dik il-parti tas-sentenza fejn sabet ksur tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem. L-ilment <u>limitat</u> għar-rimedju li ngħata, ċioe` terminu ta' erba' xhur sabiex il-prosekuzzjoni tagħlaq il-provi tagħha.

4. L-ewwel aggravju tal-Avukat Ġenerali jolqot aspett proċedurali. Issostni li l-ewwel Qorti tat rimedju li jeżorbita mill-parametri tar-referenza kostituzzjonali li saritilha. Tilmenta li l-ewwel Qorti naqset li tagħmel distinzjoni bejn kawża kostituzzjonali li tinbeda b'rikors u referenza kostituzzjonali.

5. Sussidjarjament, permezz tat-tieni aggravju l-Avukat Ġenerali tisħaq li, ir-rimedju '*huwa irraġjonevoli u semmai l-Ewwel Qorti kellha tħalli f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li tiddeċiedi kif l-aħjar li jitkomplew il-proċeduri kriminali pendenti kontra Tarċisju Mifsud.'* Tinsisti li Tancred Tabone u Frank Sammut mhumiex xhieda bħall-oħrajn iżda huma meqjusa ko-awturi u ko-akkużati fl-istess ċirku ta' korruzzjoni f'dak li għandu x'jaqsam max-xiri taż-żejt. Iżżid tgħid ukoll li l-prosekuzzjoni hija obbligata tipprova l-każ tagħha sal-grad taċ-ċertezza morali u għalhekk '*m'għandux ikun hemm impożizzjoni ta' limitu sabiex il-provi jingħalqu meta huwa evidenti li fadal x'jinstemgħu xhieda oħra fondamentali għall-każ tal-prosekuzzjoni.'*

6. Dwar l-aspett proċedurali mertu tal-ewwel aggravju, issir referenza għall-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jipprovdi illi:

> *"(3) Jekk f'xi proċeduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin), dik il-qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiemil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja;* <u>*u dik il-qorti għandha tagħti d-*</u>

> *deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni mibgħuta quddiemha skont dan is-subartikolu u, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni.[1]"*

7. L-istess jipprovdi l-Artikolu 4(3) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta fejn f'xi proċedimenti f'xi Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi wieħed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali.

8. In materia ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubbika v. Matthew-John Migneco**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fil-15 ta' Novembru 2011, fejn ingħad:

> *"Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti ta' dritt marbutin mar-riferenza din il-Qorti ttenni li hija marbuta li tqis il-kwestjoni "kostituzzjonali" skond il-parametri tar-riferenza magħmula lilha. Billi l-kwestjoni tkun inqalgħet quddiem Qorti li mhix il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali, u billi l-proċediment ma jkunx tressaq quddiem din il-Qorti direttament minn min jallega l-ksur tal-jedd fondamentali partikolari, din il-Qorti jkollha tqis fedelment il-kwestjoni fil-mod u t-termini mgħoddijin lilha mill-Qorti li tkun għamlet ir-riferenza, u jekk tonqos li tagħmel dan jew titbiegħed milli tqis dak lilha riferut, tkun qegħda tiddeċiedi extra petita;*
>
> *...*
>
> *Illi l-kwestjoni dwar x'għamla ta' rimedju tista' tagħti qorti ta' kompetenza kostituzzjonali ladarba tkun sabet li seħħ ksur ta' xi wieħed mill-jeddijiet fundamentali mħarsa mill-Kostituzzjoni jew mill-Konvenzjoni ilha titqajjem quddiem il-Qrati tagħna. Bosta drabi din il-kwestjoni tqum dwar jekk ir-rimedju mistenni mill-parti mġarrba jkunx wieħed li jġib miegħu twettiq ta' setgħa, rimedju jew diskrezzjoni li l-liġi tqiegħed f'idejn Qorti partikolari. F'ċirkostanzi fejn il-ksur instab li kien wieħed li ma kienx rimedjabbli b'xi proċedura oħra, l-Qrati fehmu li r-rimedju jingħata mill-istess Qorti li tkun sabet li seħħ ksur tal-jedd fundamentali, ukoll jekk dak ir-rimedju normalment jaqa' fil-kompetenza ta' Qorti oħra;*

[1] Enfasi tal-Qorti.

> *Illi, madankollu, kif ingħad, "ir-rimedju taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja huwa rimedju straordinarju. Dan ir-rimedju jingħata biss meta l-liġi ordinarja ma tkunx biżżejjed biex tħares id-drittijiet tal-individwu u għalhekk l- istat ikun naqas fid-dmir tiegħu li jħares dawn id-drittijiet. Ir-rimedji taħt il-liġijiet għall-ħarsien tad-drittijiet fondamentali jingħataw biss f'dawk iċ-ċirkostanzi straordinarji, u nkunu qegħdin inwaqqgħu s-siwi ta' dawk id-dispożizzjonijiet jekk ninqdew bihom fejn rimedju taħt il-liġi ordinarja jkun tajjeb u biżżejjed. Fi kliem ieħor, ma tistax tgħid illi l-istat naqas mid-dmir tiegħu li jħares id-drittijiet tal-individwu bis-saħħa tal-ordinament ordinarju qabel ma tkun fittixt li tinqeda bir-rimedji kollha li jagħti dak l-ordinament. Barra minn hekk, il-qrati għandhom ukoll id-dmir li jinterpretaw u japplikaw il-liġi ordinarja b'mod konformi mal-Kostituzzjoni u mal-Konvenzjoni, u jkun biss meta interpretazzjoni bħal dik tkun assolutament u manifestament contra legem, u għalhekk ma tkunx possibbli, li tkun tista' tgħid illi applikazzjoni tal-liġi ordinarja twassal inevitabilment għal ksur tal-jeddijiet fondamentali." Fil-fehma tal-Qorti, dan jingħad b'aktar qawwa f'każ ta' riferenza minn Qorti oħra meta l-proċedura "ordinarja" tkun għadha tabilfors għaddejja u fejn dik il-Qorti Riferenti jkollha l-gwida tas-sentenza tal-qorti li tkun stħarrġet il-"kwestjoni" kostituzzjonali biex tagħraf timxi fuqha skond is-setgħat speċifiċi tagħha mogħtijin lilha mil-liġi;"*

9. Rilevanti wkoll is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Nelson Arias** mogħtija minn din il-Qorti fit-28 ta' Settembru 2012:

> *"this Court points out that as a rule whenever a constitutional reference is made to the First Hall Civil Court under Article 46(3) of the Constitution that Court's function is circumscribed by the terms of the reference made to it and that Court is required to limit itself to giving its replies to the questions referred to it by the referring Court. The terms of the reference made to the first Court did not extend to the liquidation and order of payment of compensation to the defendant Arias Nelson who not the person was making the reference since the referring authority was the Court of Magistrates. When, therefore, the first Court liquidated the sum of €1,500 by way of compensation in favour of the defendant it went beyond the limits of its competence as delineated by the terms of the reference and this is sufficient to lead to the revocation of this part of the judgment without there being any need to consider the other aspects raised by the appellants in connection with this issue."*

10. L-istess pronunzjament ġie mtenni reċentement fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Lawrence Attard** deċiża minn din il-Qorti fit-13 ta' Lulju 2020 fejn ingħad ulterjorment illi:

> *"13. L-għan wara ordni ta' referenza mhuwiex sabiex il-persuna tingħata rimedju li jikkonsisti f'kumpens pekunjarju jew non-pekunjarju, iżda sabiex tingħata tweġiba għal kwistjoni dwar ksur ta' drittijiet fundamentali li tkun qamet quddiem Qorti li mhijiex il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew Qorti Kostituzzjonali. Tant hu hekk li d-dispozizzjoni kemm fil-Kostituzzjoni u wkoll fl-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319) jipprovdu li "..... il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni"."*

11. Madanakollu, irid jingħad ukoll li wara t-talba għal referenza fil-każ ta' Lawrence Attard kien hemm il-ħsieb li dan tal-aħħar ma jeħilx piena karċerarja. Piena li l-Qorti tal-Appell Kriminali kellha l-kompetenza li tiddeċiedi dwarha, u f'ċirkostanzi fejn ma kien hemm xejn x'iżomm lil dik il-Qorti milli, f'każ li tiġi konfermata l-ħtija tal-appellat, tikkonsidra wkoll jekk minħabba d-dewmien kienx ġustifikat tnaqqis ta' piena.

12. Il-partijiet irreferew ukoll għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Silvio Zammit** li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' April 2018, liema każ kien jitratta lment simli għal dak mertu tal-kawża tal-lum. Dik il-Qorti qalet:

> *".. .qiegħda tasal għal konklużjoni li ġie leż d-dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli, liema leżjoni ser tibqa' tissussiti sakemm il-prosekuzzjoni tagħmel dak kollu li għandha tagħmel sabiex jew tottjeni d-deposizzjoni tal-aħħar xhud li għad jonqosha mill-aktar fis possibli, jew tipprocedi skond il-ligi mingħajr ma tressaq l-imsemmija xhud.*

*Din il-Qorti tħoss li f'dan l-istadju m'għandhiex tkun hi li tiffissa terminu sabiex il-prosekuzzjoni tressaq lix-xhud Inge Delfosse jew fin-nuqqas tordna lill-Avukat Ġenerali jipprocedi mingħajr id-deposizzjoni ta' din ix-xhud.*

*Kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fir-referenza kostituzzjonali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Lawrence Attard, deċiża fl-1 ta" Lulju 2004:*

> *"Illi, kif ingħad f"okkażjonijiet oħrajn u aktar 'il fuq f'din is-sentenza, fil-proċess ġudizzjarju penali huwa l-ġudikant li fl-aħħar mill-aħħar huwa l-moderatur tal-proċeduri li jiżgura mhux biss li jinżamm bilanċ bejn il-kontendenti u l-mezzi disponibbli għalihom biex jiddefendu r-rispettivi pożizzjonijiet tagħhom, imma huwa wkoll mogħti mil-liġi s-setgħat u l-mezzi l-oħrajn kollha biex ikun jista' jiżgura proċess ġust u xieraq."*

*Għalhekk ser tħalli f"idejn il-Qorti riferenti bħala l-Qorti kompetenti sabiex, fid-dawl tar-riżultanzi ta' din id-deċiżjoni, tirregola hi dwar kif għandhom jimxu 'l-quddiem il-proċeduri de quo, kif jippreskrivi l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni li taħtu saret din ir-riferenza"*

13. Minn dik is-sentenza kien appella l-Avukat Ġenerali u lmenta li l-ewwel Qorti ddeċidiet *extra petita* għaliex fid-deċide l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) ma rrispondietx biss għal dak mitlub mill-Qorti riferenti iżda marret oltre meta osservat illi l-ksur ser jibqa' jissussisti sakemm il-prosekuzzjoni tagħmel dak kollu li għandha tagħmel sabiex jew tottjeni d-depożizzjoni tax-xhud in kwistjoni mill-aktar fis possibbli jew tagħlaq l-istadju tal-provi tagħha. Permezz ta' sentenza li tat fit-13 ta' Lulju 2018, din il-Qorti ddeċidiet l-aggravju b'dan il-mod:

*"... Kif osservat din il-Qorti fil-kawza* ***il-Pulizija vs Philip Borg****:*

> *"Din il-Qorti taqbel ……. li f'talba għal riferenza l-kompitu ta' qorti munita b'ġurisdizzjoni kostituzzjonali huwa biss biex twieġeb id-domanda magħmula mill-qorti riferenti iżda dan ma jfissirx li din il-Qorti ma tistax tagħmel kull osservazzjoni oħra li jidhrilha relevanti għal risposta sħiħa għad-domanda magħmula."*

*28. Sahansitra fis-sentenza* ***Malcolm Said v. Avukat Ġenerali*** *mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016, citata fis-sentenza fuq imsemmija, din il-qorti rribadiet il-principju li:*

> *"… … ... din il-qorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura…"*

*29. Ghaldaqstant din il-Qorti tikkunsidra legalment insostenibbli l-argument tal-appellant li l-ewwel Qorti marret extra petita meta, wara li rriskontrat il-lezjoni, issenjalat li sabiex titwaqqaf dik il-lezjoni, ir-rimedju indikat minn dik il-Qorti huwa konsegwenza logika u necessarja sabiex titwaqqaf il-lezjoni riskontrata."*

14. F'dan il-każ, l-ewwel Qorti ordnat li sa mhux aktar tard minn erba' xhur mid-data tas-sentenza tagħha, il-prosekuzzjoni fil-kawża fl-ismijiet '**Il-Pulizija v. Tarcisio Mifsud**' jagħlqu l-provi rrispettivament minn min ikun fadal jixhed jew le skont l-Avukat Ġenerali. Dan skont ma ddeċidiet din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Francis Portelli u Anthony Cassar v. Avukat Ġenerali** li tat fis-6 ta' Ottubru 2020. Il-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti kienu s-segwenti:

*"55. Il-Qorti tosserva illi fil-każ fuq imsemmi ta' Portelli u Cassar, il-Prim' Awla għaddiet biex tat rimedju illi ġie sekondat u aċċetat mill-Qorti Kostituzzjonali, u dana kien li ġej:*

> *"Il-Qorti tqis illi, tenut kont tal-mod kif svolġew il-fatti, ir-rimedju l-aktar indikat huwa li tipprefiġġi terminu sabiex il-prosekuzzjoni tressaq il-provi kollha li fadal fil-proċediment kriminali pendenti kontra r-rikorrenti, u l-intimat jirrinvija għall-ġudizzju l-atti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja. Rimedju ta` din ix-xorta jassikura l-bilanċ ta` drittijiet u obbligi fil-proċess kriminali, b`mod u manjiera li fil-konkret id-dewmien ma jkomplix jikkaġuna leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq kif imħares bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni."*

*56. Din il-Qorti jidhrilha illi, fl-aħjar interess tal-ġustizzja, filwaqt illi ma għandhiex tipprekludi lill-Prosekuzzjoni u l-Avukat Ġenerali jressqu l-provi tagħhom sabiex jippruvaw il-każ tagħhom kif għandhom obbligu jagħmlu, tqis ukoll illi dana għandu jsir f'terminu fiss u perentorju, wara liema trapass ta' żmien, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għandha tipproċedi biex tiddikjara l-istadju tal-provi prosekuzzjoni magħluqa u għandha tgħaddi biex tisma' x-xhieda prodotti mill-akkużat Tarcisio Mifsud, jekk jidhirlu opportun illi jressaq provi.*

*57. Din il-Qorti tqis illi tali periodu għandu jkun ta'* ***<u>erbgħa xhur mid-data ta' dina s-sentenza</u>.****"*

15. L-ordni ta' referenza kien b'referenza għall-verbal li sar mid-difensur ta' Mifsud waqt is-seduta tat-12 ta' Novembru 2018 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja. Il-Qorti tistqarr li mhijiex sodisfatta bil-mod xejn ċar li bih saret l-ordni ta' referenza bid-digriet li ngħata fis-16 ta' Novembru 2018. Kull Qorti li tordna referenza taħt id-dispożizzjoni relattiva tal-Kostituzzjoni u l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea għandha tiżgura li tħares il-liġi dwar il-mod kif issir l-ordni. Fin-nuqqas l-ordni stess taf twassal għal iktar dewmien bla bżonn għaliex il-Qorti Ċivili, Prim'Awla jkollha tirreferi lura l-ordni sabiex il-Qorti referenti temenda r-referenza b'mod li titħares il-liġi fuq kif issir ir-referenza. F'dan il-kuntest il-Qorti tfakkar dak li qalet fis-sentenza **Lino Debono v. Malta Drydocks et** tal-21 ta' Marzu 2007 li:

*"4. Jibda biex jinghad, kif ga accennat fil-bidu ta' din is-sentenza, li din il-Qorti ma tarax li verament kien hemm xi kwistjoni li kellha tigi riferita lill-Prim Awla tal-Qorti Civili. Biex ikun hemm "kwistjoni" ghall-finijiet tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni (u ghall-finijiet tal-artikolu korrispondenti tal-Kap. 319) irid ikun hemm xi vertenza (il-"kwistjoni" ta' indoli kostituzzjonali, ossia ta' allegat ksur ta' xi disposizzjoni li tiggarantixxi dritt fondamentali) marbuta b'tali mod mal-vertenza principali tal-kawza li qabel ma tigi deciza dik il-vertenza kostituzzjonali l-Qorti (li ma tkunx il-Prim Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali) ma tkunx tista' tghaddi biex tidderimi l-vertenza principali. Tant hu hekk, infatti, li s-subartikolu (3) tal-imsemmi Artikolu 46 jipprovdi li l-Qorti li ma tkunx il-Prim Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali ghandha tibghat il-"kwistjoni" lill-Prim Awla biex tigi minn din deciza, u wara dik il-Qorti "li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni ghandha tiddisponi mill- kwistjoni skond dik id-decizjoni". Huwa evidenti, ghalhekk, li minkejja allegazzjoni ta' ksur ta' xi dritt fondamentali, jekk dik il-"kwistjoni" ma tkunx tali li timpedixxi lill-Qorti (li ma tkunx il-Prim Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali) milli tibqa' tisma' l-kawza u tiddisponi minnha, ma hemmx strettament "kwistjoni" x'tigi riferita lill-Prim Awla permezz ta' ordni ta' referenza".*

16. Il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi fl-istadju li tinsab fih il-kumpilazzjoni, dik il-Qorti m'għandhiex il-poter sabiex tagħlaq il-provi tal-prosekuzzjoni. Għalkemm l-Avukat Ġenerali fil-11 ta' Novembru, 2015 ħareġ l-artikoli u bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, s'issa ma seħħ l-ebda żvilupp. Dan peress li fl-istess att jingħad li qabel il-Qorti tistaqsi lill-imputat jekk għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jinstema' bil-proċedura sommarja, għandha skont l-Art. 370(3)(f) tal-Kodiċi Kriminali tisma' lil Alfred Mallia (minn dakinhar ix-xhud miet) u Tancred Tabone.[2] Mill-atti tal-proċeduri kriminali jirriżulta wkoll li Tancred Tabone kien deher fis-seduta tas-7 ta' Diċembru 2015 u għażel li ma jixhedx sabiex ma jinkriminax lilu nnifsu. Kliem li rrepeta fis-seduta tal-5 ta' Diċembru 2016. L-istess iddikjara Frank Sammut fis-seduta tas-26 ta' Ġunju 2017.

17. Fil-prattika għalhekk, jekk din il-Qorti tirrinvija l-atti lill-Qorti referenti b'sempliċi dikjarazzjoni ta' ksur u ma jkun hemm l-ebda ordni oħra, kif fir-realta` qiegħda titlob li jsir mill-Avukat Ġenerali, dan ikun ifisser:

---

[2] Art 373(3)(f) tal-Kap. 9 – '*Qabel ma l-qorti tistaqsi lill-akkużat jekk għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi ttrattat bi proċedura sommarja, kif provdut fil-paragrafu (b), il-qorti* ***għandha*** *tisma' dik ix-xhieda oħra li tista' tiġi ndikata mill-Avukat Ġenerali fl-istess nota li biha jibgħat lill-persuna akkużata sabiex tkun iġġudikata mill-qorti fuq imsemmija skont il-paragrafu (a).'* (Enfasi tal-Qorti)

17.1. Illi r-referenza kostituzzjonali li ilha pendenti tliet snin, u li matulhom il-Qorti riferenti għażlet li tissoprassjedi, mhux ser tindirizza l-ksur b'mod effettiv; u

17.2. Illi sabiex l-appellat jottjeni xi forma ta' rimedju xieraq għall-ksur sejjer ifisser iktar dewmien bla bżonn għaliex ikollu jipproponu proċeduri oħra sabiex jingħata rimedju effettiv. Dan meta diġa` hemm ġudikat li f'dan il-każ hemm dewmien żejjed fis-smigħ tal-proċeduri;

18. M'għandux ikun li referenza kostituzzjonali tissarraf biss f'eżerċizzju purament akkademiku. Lanqas ma huwa fl-interess tal-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja li minħabba raġunijiet purament proċedurali, imputat li diġa` qiegħed isofri leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq jispiċċa jkollu jagħmel proċeduri oħra sabiex jingħata rimedju effettiv għall-ksur tad-drittijiet tiegħu.

19. Għalhekk, f'dan il-każ il-Qorti tqis li hu essenzjali li tingħata ordni li l-ewwel Qorti tista' ssegwi. Wara kollox il-liġi stess tipprovdi li l-Qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni *"għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni"*, ċioe` d-deċiżjoni li tingħata fir-referenza.

20. Kuntrarjament għal dak allegat mill-Avukat Ġenerali fit-tieni aggravju, fis-sustanza tiegħu r-rimedju mogħti mill-Qorti tal-ewwel grad

bl-ebda mod ma jista' jitqies irraġjonevoli. Għalkemm issostni li dawk ix-xhieda huma importanti għall-każ tagħha, l-imputat għandu dritt li l-każ tiegħu jinstema' fi żmien raġjonevoli. Fis-sitwazzjoni preżenti mhuwiex magħruf meta Frank Sammut u Tancred Tabone ser jixhdu. Lanqas mhemm prova li tiġġustifika għalfejn dawk il-proċeduri għadhom sallum pendenti. Fir-realta` mhemm l-ebda tagħrif dwarhom. Fiċ-ċirkostanzi l-Avukat Ġenerali ma tistax tippretendi li għandha xi jedd li l-każ ta' Mifsud jibqa' pendenti għal żmien indefinit sakemm xi darba jiġu deċiżi l-kawżi l-oħra. Jekk Sammut u Tabone kienu xhieda daqstant importanti, allura kien id-dmir tagħha u tal-pulizija li jiżguraw li l-provi f'dawk il-każijiet jitressqu fl-iqsar żmien possibbli b'mod li l-Qorti li ser tiddeċiedi tkun f'pożizzjoni li tagħti sentenza. Jidher li l-Avukat Ġenerali qiegħda tinsa li l-kawża kriminali kontra l-appellat ilha issa iktar minn tmien snin pendenti u għadhom lanqas biss bdew jinstemgħu l-provi tal-appellat.

21. Safejn l-appellanti pproponiet li l-ewwel Qorti kellha tħalli f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex tiddeċiedi hi kif l-aħjar li jitkomplew il-proċeduri kriminali pendenti kontra Mifsud, diġa` ngħad li dan ir-rimedju ma jindirizzax il-ksur ravviżat in kwantu l-Qorti li quddiemha qamet il-kwistjoni m'għandhiex il-poter li tiddikjara magħluq l-istadju tal-provi tal-prosekuzzjoni. Huwa biss b'dak li ordnat l-ewwel Qorti li ser jiġi żgurat li l-kawża kriminali kontra l-appellat tkompli mingħajr aktar tkaxkir tas-saqajn.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż a karigu tal-appellanti.

Tordna lir-Reġistratur sabiex jibgħat kopja ta’ din is-sentenza lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja li quddiemha pendenti l-kawża kriminali kontra l-appellat.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm